

OTTIJIET

In-numru tmienja għal qalbi. Simmetriku, tond u għad-dritt fl-istess nifs, qisu arloġġ tar-ramel. Il-bord tal-iskakki, logħba li kien għallimni missieri bil-paċenzja kollha u li m'għadnix nilgħab daqskemm nixtieq, twil u wiesa' tmien kaxex. Imbagħad hemm it-tentakli tal-qarnit, fost il-platti favoriti tiegħi, speċjalment kif kienet issajru n-nanna. U kif nista' ma niftakarnix, ta' tmien snin meta mort ngħix man-nanniet, inbill l-ottijiet fit-tè bil-lumi fil-ħemda tal-kċina, fi sqaq tar-raħal ormaj mitluq.

Terġa', it-tmienja kien in-numru tagħha. Nannti twieldet it-8 ta' Ottubru, kellha tmint itfal, u forsi ma kinitx kumbinazzjoni li, meta telqitna biex reġgħet iżżewġet lin-nannu taħt l-art, kienet għadha kif laħqet l-ottanta.

Tant ġraw xorti tul l-aħħar tmien snin li qed narahom proprju bħala infinità; jew biex inkun iktar preċiż, infinità li għaddiet bi żbrixx. Tmien snin ilu bħal-lum u bħal dal-ħin, hemm ċans kbir li kont ġo kmajra mdawla r-raħal, iċċassat lejn l-iskrin ta' laptop goff qisu xi ċanguna, nistudja biex insir traduttur.

Jekk tmien snin ilu bħal-lum u bħal dal-ħin ma kontx qed intektek fil-kmajra, wisq probabbli kont fil-kċina npaċpaċ man-nanniet. Kienu huma li għallmuni lsieni. Kuljum xi storja, kuljum xi tifikira, kuljum xi taqbila, jew anki xi xogħfa mistħoqqa minħabba xi guffaġni minn tiegħi. Illum siefru t-tnejn li huma; in-nannu, li kien jibża' mill-ajruplani u qatt ma tħajjar jitle' fuq bastiment lejn l-Awstralja, għall-ewwel darba. Dejjem kien irid jifhem iktar id-dinja, u l-mistoqsijiet tiegħu ta' ġeografija kienu jkunu bl-ikbar kurżità. Idejh tant kienu kbar li stajt tifrex fuqhom mappamundi sħiħa. Min jaf x'veduta għandu tal-globu issa, minn hemm fuq...

Illum, ormaj bin-nuċċali, naħdem ta' traduttur, biex iċ-ċittadini u r-raħlin ta' pajjiżi jkollhom aċċess għal-liġijiet Ewropej bi lsienhom. Sa ċertu punt, xogħli narah bħala mod kif nagħti xi ħaġa lura lin-nanniet, iżda anki lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Fdejjja fl-uffiċċju, għandi pitazz jixpakka bi wħud mill-qwieli u t-taqbiliet li kienu għallmuni. Jekk qatt xi darba jkolli t-tfal, nibqa' ċert li ngħaddihom l-hom. Qisna l-ħoloq ta' katina... mhux biss tad-demmi u tal-ġenetika, iżda wkoll ta' għarfien, permezz tal-ilsien.

Is-sabiħ tan-numru tmienja taf x'inhu? Semmejt l-arloġġ tar-ramel. Wara li taqa' l-aħħar farka ramel, timbuttah bil-ħlewwa, jitlef il-bilanċ, u jsirlek l-infinit...